MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2336/2004

**John Muscat (ID 108946M)**

**Vs**

**Paul Galea (ID 250165M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Dicembru 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm601.87 (sitt mija u Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar l-10 ta' Dicembru 2002 gewwa l-Imgarr.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attur jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u Lira wahda u sebgha u tmenin centezmu (Lm601.87) rapprezentanti

danni kagunati f'’ncident awtomobilistiku ta’ l-10 ta’ Dicembru, 2002, fi Triq Sir Temi Zammit kantunieri ma’ Triq is-Saqwi, fl-Imgarr, bejn il-vettura bin-numru AAL 383 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru EAV 127 misjuqa minn Lara Muscat u propjeta` ta’ l-attur, liema incvident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali datata 22 ta’ April, 2004, u permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Novembru, 2004, il-konvenut baqa` inadempjenti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ April, 2004 u ta’ ittra ufficjali tad-19 ta’ Novembru, 2004 u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax pagabbli mit-22 ta’ April, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

L-esponent jeccepixxi:

1. Illi huwa ma jahtix ghall-incident ‘de qou’ li gie kkawzat bin-negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur.
2. Illi l-ammont reklamat huwa ezagerat.
3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza kienet qed tinstema’ kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet “Citadel Ins. Plc vs Lara Muscat” (Avviz Nru 1510/03) deciza illum stess.

Il-quantum tad-danni ma giex kontestat.

Fil-kawza l-ohra, fl-istess kollizjoni, kien gie ddikjarat responsabbli l-odjern konvenut.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm 601.87 (sitt mija u Lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu) bl-ispejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------